Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9121 — Michelin/Camso)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 410/07)

1. Fil-5 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Compagnie Générale des Etablissements Michelin ("Michelin", Franza),

— Camso Inc. ("Camso", il-Kanada).

Michelin takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Camso kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Michelin timmanifattura t-tajers għall-karozzi, vannijiet, trakkijiet, xarabanks, vetturi ta' b'żewġ roti mhux motorizzati, vetturi ta' b'żewġ roti motorizzati, ajruplani, ferroviji ta' taħt l-art u trammijiet, kif ukoll tajers għal vetturi industrijali u agrikoli;

— Camso timmanifattura tajers pnewmatiċi, bla arja u solidi, binarji, sistemi ta' konverżjoni tal-binarji u OEM undercarriages u sservi lis-setturi industrijali, agrikoli u tal-power-sport.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9121 — Michelin/Camso

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").